VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,487, 20 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 335 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad għall-Grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours) taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours), taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 541 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (4) tal-ordinament 3 tal-oridnamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(4) L-applikanti li għandhom id-Diploma in Social Studies (Industrial Relations), id-Diploma in Gender, Work and Society, jew id-Diploma in Social Studies (Gender and Development) ta' din l-Università b'marka medja ta' 60%, jew li għandhom kwalifika komparabbli f'qasam relatat mal-Industrial Relations jew mal-Labour Studies jew mal-Gender Studies li jkunu kisbu kretti għal taqsimiet studju kkunsidrati mill-Bord tal-Istudji bħala ekwivalenti għall-dawk fil-programm ta' studju, ikunu jistgħu jidħlu fil-Kors. Suġġett għall-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali, dawn l-applikanti jistgħu jitħallew mill-Bord tal-Istudji jittrasferixxu dawn il-kretti għall-Kors. L-għadd ta' kretti trasferuti m'għandux jaqbeż is-60 krettu."

4. Il-paragrafu (5) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 3 tal-oridnamenti prinċipali:

"(5) L-applikanti li għandhom id-Diploma in Social Studies (Gender and Development) huma meħtieġa jiksbu sa 16 il-krettu kif indikat mill-Bord tal-Istudji qabel ma jiġu aċċettati fil-Kors."